



Brussell, 3 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9022/24

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0223(COD)**

**CODEC 1125
ASILE 61**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija, li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE u li jħassar id-Direttiva 2011/96/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fit-13 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 78(2)(a) u (b), u l-Artikolu 79(2)(a) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Diċembru 2016.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-Opinjoni tiegħu fit-8 ta' Frar 2017.
4. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁴. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 11316/16 + ADD1.

² ĠU C 75, 10.3.2017, p. 97.

³ ĠU C 207, 30.6.2017, p. 67.

⁴ 8580/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill⁵⁶ japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 70/23, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bl-Ungerija u l-Polonja jivvotaw kontra u bl-astensjoni tal-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁵ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

⁶ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih u lanqas hija soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.